# Stqarrija

## BirdLife Malta tikkundanna d-deċiżjoni tal-Gvern li jerġa' jiftaħ l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ġodda tal-insib

BirdLife Malta tikkundanna b'qawwa d-deċiżjoni tal-Gvern li ħabbar permezz tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU), li jerġa' jiftaħ applikazzjonijiet ġodda għal-Liċenzja Ġenerali tal-Insib.

Din id-deċiżjoni tkompli tniżżel lil Malta 'l isfel fejn jidħlu l-obbligi li ntrabtet bihom meta l-pajjiż issieħeb fl-Unjoni Ewropea. L-insib għall-għasafar tal-għana kellu jinqata' maż-żmien wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u suppost ma nħarġet l-ebda liċenzja ġdida. Il-prattika kellha tkun ristretta biss biex jinbeda programm ta' tnissil fil-perjodu ta' transizzjoni. Minflok ma ħalla l-insib imut mewta naturali, il-Gvern għażel li jerġa' jattivah bis-saħħa.

Il-Gvern issa se jżid ġenerazzjoni ġdida ta' nassaba f'attività li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ikkonkludiet diġà darbtejn li tikser il-liġi tal-Unjoni Ewropea, irrispettivament fuq kemm il-Gvern jipprova ipinġiha bħala xi attività xjentifika.

Fl-2018, il-Qorti ddeċidiet li d-deroga ta' Malta għall-insib tal-għasafar tal-għana għal skop rikreattiv kienet illegali. F'Settembru 2024, il-Qorti reġgħet iddeċidiet kontra Malta u ma laqgħetx 'l hekk imsejjaħ qafas xjentifiku ta' riċerka li ħa post id-deroga rikreattiva. Minkejja li repetutament Malta tilfet il-battalji legali u minkejja t-twissijiet ċari mill-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern jibqa' jara kif se jdur mal-iskemi tal-insib f'attentat biex idur mad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar. Bil-ftuħ ta' liċenzji ġodda għall-insib, Malta se tkun qed tikser kontinwament il-liġi tal-UE u tgħaddi messaġġ li m'għandha l-ebda ħsieb li tonora la l-ispirtu u lanqas l-ittra tal-obbligi tagħha fl-UE.

**Aktar siti għall-imnasab, aktar teħid ta' art, aktar ħsara lill-ħabitati**

BirdLife Malta qed terġa' tippublika mappa ta' siti attivi ta' mnasab li ġew irrekordjati fl-2025. L-iskala hija allarmanti. Biċċiet kbar ta' art fil-kampanja Maltija huma żviluppati fi mnasab, ħafna minnhom f'siti Natura 2000 li suppost huma ddisinjati għall-protezzjoni tal-bijodiversità.

Il-ħruġ ta' liċenzji ġodda tal-insib se jirriżultaw f'aktar insib fil-kampanja li diġà hija mimlija mnasab. In-numri diġà mhumiex ekoloġikament sostenibbli u jekk in-numri se jkomplu jiżdiedu, se jirriżultaw f'qerda akbar tal-ħabitati, f'aktar teħid ta' art rurali, u se jkompli jċaħħad lill-pubbliku mid-dritt li japprezza u jara l-għasafar selvaġġi fil-kampanja.

Il-Gvern jidher li se jkompli jippermetti u anzi se jżid l-okkupazzjoni ta' dak li fadal mill-pajsaġġ naturali Malti mill-interessi privati tal-insib a skapitu tal-poplu u tal-ħabitati protetti.

**Deċiżjoni traskurata meħuda f'ambjent ta' nuqqas ta' infurzar tal-liġi**

Id-deċiżjoni qed tittieħed fi żmien meta l-infurzar fil-qasam ambjentali huwa fi stat disastruż. L- Environmental Protection Unit (EPU) m'għandux ir-riżorsi neċessarji biex jagħmel monitoraġġ u jikkontrolla derogi tal-insib f'Malta, filwaqt li Għawdex tħalla mingħajr presenza ta' pulizija ambjentali. Id-deċiżjoni politika biex jiddgħajfu l-liġijiet, jinħolqu paraventi u lakuni, u effettivament jonqos l-infurzar, qed twassal għal abbuż massiċ ta' riżorsi ambjentali fuq kull livell.

Billi jżid l-ammont ta' nassaba liċenzjati filwaqt li jżomm il-kapaċità fl-infurzar dgħajfa, il-Gvern se joħloq kundizzjonijiet għal aktar illegalitajiet. In-nassaba se jkomplu jammontaw għal ħafna aktar minn l-ammonti ta' uffiċjali ta' infurzar fil-kampanja.

L-illegalitajiet diġà huma evidenti. Fir-rebbiegħa meta l-istaġun tal-insib kien magħluq, kien irrapurtat insib għall-għasafar tal-għana, filwaqt li d-domanda persistenti għall-għasafar ħajjin biex jintużaw bħala decoys fl-imnasab, qed tkompli tħeġġeġ aktar insib illegali barra minn xtutna, b'impatt negattiv fuq pajjiżi ġirien. Minflok ma jindirizza dawn l-abbużi, il-Gvern qed jagħżel li jiffaċilitahom.

**Manuvra politika ta' qabel l-elezzjoni b'viżjoni qasira**

BirdLife Malta tinnota li din id-deċiżjoni ttieħdet mingħajr konsultazzjoni fil-kumitat tal-ORNIS jew ma' awtoritajiet oħra ambjentali li suppost twaqqfu biex iħarsu l-wirt naturali Malti.

Iż-żmien u n-natura ta' din id-deċiżjoni jindikaw attentat iddisprat ta' qabel l-elezzjoni biex jiġi żgurat l-appoġġ tan-nassaba, irrispettivament mill-konsegwenzi legali, ekoloġiċi u ta' reputazzjoni għal Malta. Hija kalkulazzjoni li tpoġġi l-interess elettorali qabel l-obbligi nazzjonali u Ewropej.

Malta tinsab fuq rotta ewlenija ta' passa tal-għasafar bejn l-Ewropa u l-Afrika. L-għasafar li jinqatlu jew jinqabdu fil-gżejjer Maltin huma parti minn wirt

naturali li jappartjeni għall-Ewropej kollha. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu lokalment għandhom konsegwenzi fuq kontinenti sħaħ.

Il-ftuħ mill-ġdid għall-liċenzji ġodda tal-insib ireġġa' lura dak li suppost kellha tkun mewta naturali irriversibbli. Dan se jimmina l-kredibilità ta' Malta, se jdgħajjef is-saltna tad-dritt u se jkompli jkabbar il-kunflitt tal-pajjiż mal-istituzzjonijet Ewropej.

BirdLife Malta titlob lill-Gvern biex jirtira immedjatament din id-deċiżjoni u jirrispetta l-obbligi li għandu u jdawwar id-direzzjoni politika nazzjonali favur:

- konformità sħiħa mal-liġijiet ambjentali tal-UE;
- isaħħaħ l-infurzar kontra l-qtil u l-qbid illegali tal-għasafar;
- isaħħaħ il-protezzjoni u r-restawr tal-ħabitati;
- jappoġġja riċerka xjentifika leġittima u riveduta minn esperti, li ma tinvolvix qbid fuq skala kbira ta' speċi protetti.

"Il-kampanja u n-natura ta' Malta mhumiex munita ta' negozjar f'kampanja elettorali. Huma ġid pubbliku kondiviż u responsabbiltà Ewropea. Għexieren ta' eluf ta' Maltin iħossuhom imbiegħda miż-żewġ partiti politiċi ewlenin, l-aktar minħabba l-mod kif jiġi trattat l-ambjent naturali tagħna. Dawn id-deċiżjonijiet li jippermettu lil ftit jieħdu dak li jappartjeni lil kulħadd, kemm jekk tkun art jew bijodiversità jew riżorsi naturali, huma r-raġuni għaliex eluf ta' nies qed iżommu lura milli jagħżlu l-mexxejja futuri tagħna," qal il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
WBRU announcement:
https://www.facebook.com/wildbirdsregulationunit/posts/pfbid0CpFjE1djfXVPAULiEBxmgJ5nuKArRrTXXhWnRu2Z1g5PchR11WYnH7nZFWGw3fCzl
Map of active trapping sites in 2025: Malta's 2025 Autumn Trapping Season – WBRU Registered Sites – Google My Maps
Latest news on Maltese citizens involved in bird smuggling operations: Two Maltese citizens arrested in Sicily over bird smuggling operation

Biex issir membru ta' BirdLife Malta

http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Mansab 2025_Ritratt ta' Luca Eberle
2. Għasfur tal-għana f'gaġġa f'mansab 2025_Ritratt ta' Luca Eberle
3. Il-post fuq facebook tal-Wild Bird's Regulation Unit
4. Mappa ta' mnasab fl-2025